# Gramma Grammatika

## ejjew niffurmaw il-Verbi...




**It-Tieni Forma** ssir billi **tirdoppja l-konsonanti tan-nofs** tal-Mamma tal-Verb Ewlieni. **Il-Ħames Forma** ssir billi **żżid il-konsonanti ‘t’ qudiem il-Verb fit-tieni Forma.** Iżda meta l-Verb jibda b’waħda mill-konsonanti ċ, d, ġ, s, x, z, ż, it-**‘t’** tinbidel u ssir bħalhom.

| 1 FORMA | | | | | 2 FORMA | | | | | | 5 FORMA | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | v | 2 | v | 3 | 1 | v | 2 | 2 | v | 3 | t | 1 | v | 2 | 2 | v | 3 |
| K | i | S | e | R | K | i | **S** | **S** | e | R | **t** | K | i | **S** | **S** | e | R |
| W | a | Q | a | ’ | W | a | **Q** | **Q** | a | ’ | **t** | W | a | **Q** | **Q** | a | ’ |
| M | ie | / | / | T | M | e | **W** | **W** | e | T | **t** | M | e | **W** | **W** | e | T |
| Ċ | o | K | o | N | Ċ | e | **K** | **K** | E | N | **ċ** | Ċ | e | **K** | **K** | e | N |

**1-2-3** huma **konsonanti** u **‘v’** tfisser **vokali**

lehhilmalti@gmail.com LEĦĦ IL-MALTI lehhilmalti@gmail.com

# Il-Makkjetta fit-Teatrin

X’aktarx jekk tistaqsu lill-anzjani jew inkella lin-nanniet tagħkom kif kienu jqattgħu l-lejla tas-Sibt jew tal-Ħadd, ħafna drabi jgħidulek fis-sala tar-raħal tagħhom jaraw xi programm varjat tat-teatrin. Fil-fatt it-teatrin hu forma ta’ teatru popolari magħmul mid-dilettanti tar-raħal u kollox kien b’sehem volontarju. Ta’ kull ġimgħa dawn in-nies kienu jtellgħu drammi, fares, kummiedji, operetti, *vaudevilles*, buzzetti u anke l-makkjetti.


Charles Clews


Pawlu Tanti

Imma kif tkun eżatt il-makkjetta tat-teatrin? Il-makkjetta tat-teatrin ma tiħux fit-tul, madwar tliet minuti kollox. Xogħolha kienet li timla l-programm bejn reċta u oħra jew inkella biex tingħalaq is-serata. Ħafna drabi l-makkjetta teatrali kienet tikkonsisti f’melodija ta’ diska popolari ta’ dak iż-żmien, x’aktarx Ingliża jew Taljana, iżda l-makkjettist jieħu ħsieb li jaqlibha b’lirika Maltija. Din tieħu forma ta’ storja iżda l-għeluq ikun wieħed li jħalli lil kulħadd jogħxa bid-daħk. Tant kemm kienu jinżlu għasel man-nies li mhux l-ewwel darba li toħroġ diska popolari Ingliża u jumejn wara tismagħha fit-teatrin kantata u rreċtata bil-Malti mill-makkjettist.

Chales Clews, Pawlu Tanti u Johnny Catania huma uħud mill-aqwa makkjettisti teatrali li kellna f’Malta.


Johnny Catania

leħħ il-Malti
nitgħallmu u nikbru flimkien fit-tagħlim tal-lingwa Maltija

Folja elettronika b’tagħrif lingwistiku, ortografiku, grammatikali u kulturali dwar il-lingwa Maltija maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti fi ħdan il-Kulleġġ San Injazju sabiex il-lingwa tagħna tingħata l-valur li jistħoqqilha. Kull suġġeriment u/jew diffikultà huma ġentilment milqugħa fuq *lehhilmalti@gmail.com*